MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2014

Rikors Numru. 414/2014/1

**Malta Towage Limited**

**vs**

**MV Irmak registrat fiz-Zanzibar fit-Tanzanija**

**u bin-numru tal-IMO 7514490**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tal-14 ta’ Mejju 2014 li jghid hekk:

ILLI s-socjeta rikorrenti permezz ta' skrittura datata tnejn u ghoxrin (22) ta' April elfejn u erbatax (2014) Dok A giet assenjata l-kreditu dovut lill-Kaptan Abdullah Sahin et.;

ILLI permezz ta' ittra ufficjali (Dok B) datata erbgha u ghoxrin (24) ta' April elfejn u erbatax (2014) sabiex jigi sodisfatt id-dispost ta' artikolu 1471 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-Bastiment intimat gie debitament notifikat b'tali assenjazzjoni fis-sebgha (7) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014);

ILLI ghalhekk is-socjeta esponenti hija kreditrici tal-bastiment intimat fl-ammont globali ta' mija u sebgha u disghin elf sitt mija u disgha euro u erbghin centezmu (€197,609.40) rappresentanti sorte kif kanonizzat b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata tlettax (13) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) fl-ismijiet Kaptan Abdullah Sahin et vs MV Irmak (Dok C) li flimkien mal-imghax legali li ddekorra sal-lum flimkien ma l-ispejjez skond it-taxxa annessa (Dok D) jammontaw ghall-ammont imsemmi;

ILLI in vista tal-fatt li sallum ma sar ebda hlas favur is-socjeta rikorrenti, nonostante li l-bastiment intimat gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' April elfejn u erbatax (2014). Ghalhekk, peress illi s-socjeta rikorrenti irnexxilha ssib xerrej li huwa lest jixtri l-istess bastiment ghall-prezz determinat, l-istess socjeta rikorrenti issa tixtieq tenforza t-titolu ezekuttiv li ghandhom permezz tal-bejgh tal-istess bastiment MV Irmak approvat mill-Qorti ai termini ta' artikoli 358 sa 364 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ILLI ai termini ta' artikolu 358 din l-Onorabbli Qorti fuq rikors ta' kreditur b'titolu ezekuttiv, ghandha s-setgha tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat u bil-hlas ta' prezz determinat;

ILLI ai termini ta' artikolu 359 is-socjeta rikorrenti qeda tipprezenta ma' dan l-istess rikors, zewg stimi kif mitluba mill-ligi ta' zewg stimaturi indipendenti u ta' fama internazzjonali li t-tnejn accedew fuq l-imsemmi bastiment sabiex irredigew l-istima. Liema stimi jindikaw li l-valur fuq is-suq prezenti u attwali tal-bastiment MV Irmak fil-kundizzjoni li jinsab fiha, huwa ta' bejn hamsa u hamsin elf euro (€55,000) u sittin elf euro (€60,000);

ILLI dan kif jrrizulta mill-istima tal-Kaptan Mario Grech (Dok E) li stama l-bastiment b'valur ta' hamsa u hamsin elf euro (€55,000) u l-Engineer Paul Cardona (Dok F) li stama l-bastiment b'valur ta' sittin elf euro (€60,000) u t-tnejn iddikjaraw li dan il-bastiment ghandu biss scrap value u aktar ma jghaddi zmien aktar qed issirlu hsara;

ILLI s-socjeta rikorrenti rnexxielha nonostante s-suq limitat hafna ta' bastimenti scrap u spiza sostanzjali involuta sabiex l-istess bastiment jigi rmonkat lejn it-Turkija issib xerrej li hija s-socjeta estera Britannia Shipping Limited, ta' 40 Gracechurch Street, London, EC3V 0BT

England. Numru ta' registrazzjoni 0784261, VAT 152151546. Ii hi ppreparata thallas l-ammont ta' sebgha u hamsin elf euro (€57,000) ghall-dan il-bastiment;

ILLI ghalhekk qed jigi umliment sottomess li l-prezz ta' sebgha u hamsin elf euro (€57,000) huwa ragonevoli ferm fic-cirkostanzi tal-kaz;

ILLI r-rikorrenti u x-xerrej ftehmu illi fl-eventwalita illi din l-Onorabbli Qorti tawtorizza dan il-bejgh, Dr. Anthony Cutajar ghandu jigi nominat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirraprezenta lil-bastiment intimat u dana skond id-dispost ta' artikoli 362 et seq. tal Kap. 12 tal-Ligijiet Malta;

ILLI ai termini ta' artikolu 360 dan ir-rikors qed jigi notifikat lil kull min ir-rikorrenti jaf li ghandu interess f'dan il-bastiment u cioe, lil-bastiment intimat u lir-registratur tal-bastimenti merkantili;

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti tilob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti prevja kull provvediment li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti:

1. TAPPROVA ai termini ta' artikolu 358 tal-Kap. 12, il-bejgh privat tal-bastiment MV Irmak registrat fiz-Zanzibar fit-Tanzanija u bin-Numru tal-IMO 7514490 lis-socjeta estera Britannia Shipping Limited, ta' 40 Gracechurch Street, London, EC3V 0 BT England. Numru ta' registrazzjoni 0784261,

2. TARTAR jekk ikun il-kaz ai termini ta' artikolu 362, fid-digriet ta' approvazzjoni tal-bejgh lill-Dr. Anthony Cutajar bhala l-persuna li b'hekk tkun intitolata jittrasferixxi l-bastiment bhala mhux aggravat minn kull privilegg jew piz, skond id-dispost ta' artikolu 364 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi partikolarment, artikoli 362 sa 364 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. TAWTORIZZA lill-istess Dr. Antony Cutajar jiddeposita fi zmien sebat ijiem taht l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti l-prezz ta' sebgha u hamsin elf euro (€57,000) sabiex sussegwentement jigu liberament zbankati mir-rikorrenti peress li l-kreditu li ghandu huwa ta' mija u sebgha u disghin elf sitt mija u disgha euro u erbghin centezmu (€197,609.40),

4. FIN-NUQQAS li Dr. Anthony Cutajar jigi mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti ghall-fuq imsemmija finijiet, il-Qorti tahtar persuna ohra ghall-dawk l-istess finijiet.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Gunju 2014 fejn il-Qorti accediet ghat-talba tar-rikorrenti ghal bejgh tal-imsemmi bastiment ai termini tal-artikolu 358 et seq. tal-Kap. 12;

Rat ir-rikors ta' Cassar Ship Repair Limited (rik. 414/14/1) tat-18 ta' Gunju 2014 fejn intalab ir-revoka tad-digriet ta' din il-Qorti peress illi fost affarijiet ohra l-istess socjeta li ghandha pretensjoni ta' kreditu kontra l-bastiment ghal servizzi rezi lill-istess vapur qatt ma giet notifikata bil-proceduri ghal bejgh privat tal-vapur nonostante li d-direttur tas-socjeta rikorrenti kien jaf b'dan;

Rat ir-rikors ta' Mediterranean Trading Shipping Company Limited (rik. 527/2014) tat-18 ta' Gunju 2014 fejn irrivelat li hi kellha titolu ezekuttiv fil-konfront tal-vapur Irmak b'sentenza tad-9 ta' Jannar 2012 u wkoll ma gietx notifikata qua kreditur kanonizzat, bil-proceduri tal-bejgh privat kontra dak li jiddisponi l-artikolu 360 tal-Kap. 12;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Lulju 2014 fl-atti tar-rikors 527/2014 fejn filwaqt li laqghet it-talba tas-socjeta Mediterranean Trading Shipping, u rrevokat id-digriet tal-bejgh ordnat fl-10 ta' Gunju 2014 filwaqt li stante dan id-digriet astjeniet milli tkompli tiehu konjuzzjni tar-rikors ta' Cassar Ship Repair Limited nru. 414/14/1;

Rat mill-gdid l-atti tar-rikors bejgh 414/2014 fejn gew notifikati jew mgharfa bhala terzi interessati kuraturi ghas-sidien tal-bastiment, is-socjeta Mediterranean Trading Shipping, is-socjeta Cassar Ship Repair Limited u Unilever Magreb SA li ghandha 'cargo' fuq il-bastiment imsemmi;

Ir-rikorrenti zammew ferm mal-provi prodotti minnhom in sostenn tal-bejgh privat tal-vapur. Is-socjeta Mediterranean Trading Shippingipprezentat risposta fejn opponiet ghal dan il-bejgh, li dwarha din il-Qorti ser tikkumenta aktar il-quddiem. Cassar Ship Repair Limited assocja ruhu mas-sottomissjonijiet ta' Mediterranean Trading Shipping filwaqt li Unilever Magreb SA talab li f'kaz li l-bejgh jigi approvat, dan ma jkunx jinkludi l-bejgh tal-cargo u dan ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors tal-istess tas-16 ta' Gunju 2014 u dokumenti annessi;

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub u semghet dawk verbali;

Rat li r-rikors thalla ghall-provvediment finali.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti kienet ordnat il-bejgh privat tal-vapur Irmak bid-digriet taghha tal-10 ta’ Gunju 2014 fuq l-informazzjoni disponibbli ghaliha f’dawk l-atti.

Dan il-bejgh kif akkordat u wara revokat illum qed jigi attakkat minn kreditur ezekuttiv Mediterranean Shipping Company Limited ghas-segwenti ragunijiet principali:

1. L-iskrittura ta’ assenjazzjoni tal-kreditu mill-ekwipagg tal-vapur favur is-socjeta rikorrenti u li biha tatha l-forza legali li tipprosegwi bil-bejgh ipprezentata mis-socjeta rikorrenti ma fihiex il-valur tal-assenjazzjoni ghax il-valur gie ingassat. Hu maghruf li l-kreditu tal-ekwipagg hu ta’ €197,609.40;

2. Fl-iskrittura jidher il-kaptan tal-vapur personalment u bhala mandant ta’ membri tal-ekwipagg minghajr ebda prova ta’ tali prokura li biha l-mandatarju afda d-dritt ta’ assenjazzjoni ta’ kreditur lil mandant;

3. L-assenjazzjoni saret qabel mal-kreditur rikorrenti kellu f’idejh stimi tal-valur tal-vapur li saru gimgha wara;

4. Sallum is-socjeta Mediterranean Shipping ma gietx notifikata bil-memorandum of understanding tal-bejgh bejn is-socjeta rikorrenti u Brittania Shipping u minn informazzjoni esebita mill-istess socjeta jidher li l-azzjonista u direttur ta’ Malta Towage Limited hu involut fis-socjeta Brittania Shipping Limited.

Dawn is-sottomissjonijiet jimminaw jekk pruvati kontra d-dover ta’ trasparenza u korrettezza li ghandu impost fuqu kreditur ezekutant meta jaghzel li jitlob l-approvazzjoni tal-Qorti ghal bejgh privat flok il-bejgh aktar komuni cioe b’subbasta tal-Qorti.

Din il-Qorti tqis illi l-legislatur Malti addotta procedura, ghalkemm ezistenti f’gurisdizjonijiet ohra bhal dik Ingliza, pero fetahha b’mod li ta l-istess sahha kemm tal-bejgh ta’ bastiment bil-procedura normali ta’ subbasta u kemm tal-bejgh privat bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, tant li fiz-zewg bejgh, it-trasferiment jaghti titolu liberu minn ipoteki u privileggi. Dan ma nsibuhx fil-ligi Ingliza jew gurisdizzjonijiet ohra li jsegwu l-istess ligi. Madankollu dan ma jfissirx illi l-Qorti hi biss spettatrici fil-proceduri ta’ bejgh privat, u l-obbligi tal-kreditur li jrid jbiegh privatament huma elenkati fl-istess ligi. Hu jrid jipprovdi:

1. Zewg evalwazzjonijiet ta’ stimaturi indipendenti u ta’ reputazzjoni dwar il-valur tal-vapur;
2. Prova li tinkombi fuq il-kreditur ezekutant li l-bejgh hu fl-interess tal-kredituri kollha;
3. Li l-prezz offrut hu ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz.

Dawn l-elementi jimponu obbligu mhux zghir fuq il-kreditur ezekutant peress illi jrid jikkonvinci lil Qorti li ssodisfa b’mod konkret u reali l-elementi kollha ghall-approvazzjoni tal-bejgh.

Peress illi l-Qorti hafna drabi f’dawn ic-cirkostanzi ghandha tistrieh fuq il-provi migjuba, dawn il-provi jridu jikkonvincu moralment u decisivament lill-istess Qorti illi dan il-bejgh jolqot il-kriterji imposti mill-ligi sabiex tilqa’ t-talba ghal bejgh privat. Fin-nuqqas il-kreditur jibqalu t-triq l-ohra miftuha cioe tal-bejgh bis-subbasta fejn il-Qorti tkun hi li tappunta l-istimatur u l-valutazzjonijiet u kwistjonijiet ohra konnessi jkunu taht il-kontroll dirett tal-istess Qorti. B’hekk fil-kaz tal-bejgh privat jinkombi fuq il-kreditur ezekutant mhux biss l-obbligu implicitu li jagixxi in buona fede izda li jagixxi bil-miftuh li ma jhalliex dubju ragonevoli f’mohh il-Qorti li l-bejgh privat qieghed b’xi mod ixejjen il-kors normali tal-gustizzja li mhux biss issir mal-kredituri u s-sidien tal-bastiment izda tidher li qed issir, u dan bil-beneplacitu tal-Qorti. Huma f’dawn ic-cirkostanzi illi bejgh privat ghandu jigi approvat mill-Qorti.

Ma jfissirx b'daqshekk illi l-kreditur ezekutant ma ghandhux ifittex l-interess tieghu ghax wara kollox hu l-kreditur li qed jidhol ghall-izpiza biex il-bejgh jigi approvat pero l-interess tieghu qatt ma jista' jigi konfuz jew mibdul ma' nuqqas ta' kawtela jew astensjoni mill-obbligi ta' din il-Qorti fl-interess ta' terzi fl-ambitu tal-kontestazzjoni.

Dak li jolqot lil Qorti f'din il-vertenza hu n-nuqqas assolut tar-rikorrenti meta gie approvat il-bejgh fl-10 ta' Gunju 2014 (sussegwentement revokat) li jirrileva bhala fatt informatiku illi l-kreditur ezekutant cioe Malta Towage Limited u l-kumpratur Brittania Shipping, cioe socjeta estera registrata l-Ingilterra kellha l-istess uniku azzjonist fiz-zewg kumpaniji. Dan jirrizulta mir-rikors ta' Unilever Magreb SA fir-rikors tas-16 ta' Gunju 2014 fejn fid-Dok. JSO5 jidher Joseph Anthony O'Connor bhala l-uniku azzjonist tal-imsemmija socjeta u fid-Dok. JSO6 jidher l-istess Joseph O'Connor bhala l-uniku azzjonist ta' Brittania Shipping Limited. Kwindi, jekk tiftah il-purtiera formalistika ta' personalita guridika distinta tal-kumpanija venditrici u dik kumpratrici, johrog bic-car illi l-kreditur kien qed ibiegh il-vapur lilu nnifsu fil-persuna ta' Joseph O'Connor. Il-Qorti tistaqsi ghalhekk ghalfejn dan il-fatt ma ngiebx a konjizzjoni tal-Qorti fil-mument propizju cioe qabel inghata d-digriet tal-10 ta' Gunju 2014 u meta ma kien hemm ebda terz li gie mdahhal fil-proceduri bhala persuni interessata qua kreditur iehor.

Dan l-agir tas-socjeta rikorrenti iggieghel lil Qorti tiddubita mill-buona fede u t-trasparenza li tqis li huma doveri imposti fuq ir-rikorrenti fil-konfront tal-Qorti u jwasslu lil Qorti wkoll terga' tirrikonsidra aspetti ohra tal-vertenza bhal valutazzjonijiet infishom li saru fuq talba tal-kreditur ezekutant u kif irrizulta mill-fatti prodotti bil-konsapevolezza u komplicita tas-socjeta kumpratrici li taghhom l-uniku beneficjarju hu Joseph O'Connor. Il-Qorti ma ghandhiex prova illi l-istimaturi kienu konsapevoli ta' dan l-istat ta' fatt u l-fatt illi t-trasport ghal post esteru x'aktarx kien ser isir mill-istess kumpanija venditrici billi hi towage company u ghalhekk l-ispejjez setghu kienu anqas milli stmati u jekk fil-fatt dan setax jaffettwa mhux il-valur innifsu tal-vapur izda l-ispejjez involuti li ddimezzaw u aktar il-valur tal-vapur skond l-istimi taz-zewg surveyors.

Hu wkoll relevanti dak sottomess mis-socjeta Mediterranean Trading Shipping cioe illi l-valur tal-assenjazzjoni tal-kreditu maghmul mill-kaptan u l-membri tal-ekwipagg lis-socjeta rikorrenti sar qabel mal-istess socjeta rikorrenti kellha l-istima tal-inginier Paul Cardona.

Irrizulta wkoll, peress li giet esebita l-iskrittura ta' assenjazzjoni illi l-kaptan u l-membri tal-ekwipagg assenjaw kreditu favurihom ta' circa €197,000 ghas-somma ta' USD50,000.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi din il-proposta ta' bejgh ghal valur ta' €57,000 maghmula bejn zewg kumpaniji, appartenenti lill-istess azzjonist uniku thalli diversi dubji dwar il-metodologija uzata mis-socjeta rikorrenti biex in fin dei conti tigi rimborsata kreditu ta' circa €197,000 li hi xtrat minghand il-kaptan u l-ekwipagg ghal valur dikjarat ta' USD50,000. Jidher illi l-valur tal-vapur skond l-istimi jvarja bejn €130,000 u €180,000 qabel ma tnaqqas l-ispejjez tat-towage ghal scrapping yard fit-Turkija. Apparti l-kweziti li jinsorgu dwar l-ispejjez reali tat-trasport, jinsorgi wkoll il-kwezit ghaliex il-vjagg ghall-iscrapping ghandu jsir it-Turkija u ghaliex l-istimatur Paul Cardona ibbaza spejjez ta' circa €72,000 ghall-iscrapping tal-vapur fit-Turkija u mhux port iehor aktar vicin fil-Mediterran stess, meta l-port tat-Turkija l-anqas jirrizulta mill-istess memorandum of aggreement. Id-diskrepeanza bejn il-valur ta' €180,000 u l-prezz offrut ta' €57,000 minghajr spjegazzjoni cara tal-ispejjez realment necessarji ghat-trasport u meta l-istess socjeta rikorrenti ma kellha ebda kreditu antecendenti izda biss akkwistat il-kreditu tal-kaptan u ekwipagg ghall-iskop ta' dawn il-proceduri jhallu din il-Qorti aktar milli konvinta dwar l-adempjenza mad-dettami tal-artikolu 358 et seq. tal-Kap. 12.

Il-Qorti ghalhekk mhix konvinta illi mic-cirkostanzi li rrizultaw issa, li l-bejgh kif propost fil-fatt hu ragonevoli u fl-interess tal-kredituri, obbligu ta' prova impost fuq il-kreditur ezekutant u li jrid jikkonvinci lil Qorti dwaru. Il-kreditur ezekutant lanqas wera lil Qorti xi cirkostanzi specjali li jinneccesitaw lil Qorti li tqis dawn ic-cirkostanzi bhala decizivi biex nonostante dak relevat, ikun aktar ghaqli u prudenti fl-interess tal-partijiet interessati li jigi approvat il-bejgh.

Hu approprjat fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm bir-riservi li l-gurisprudenza tal-Qorti tal-Ammiraljat Ingliz trid tittiehed fil-perspettiva ta' kif u meta jista' jigi approvat bejgh privat bil-kunsens tal-Qorti flok bejgh taht l-Awtorita tal-istess Qorti, dak li qalet l-istess Qorti tal-Ammiraljat fil-kaz **International Marine Banking Corp v Dora** (1977)

> The fact of the matter, as I view it, is that the procedure is one prescribed by the plaintiff as satisfactory for its own purposes and the proposed sale which has resulted from it is not a sale by the Court at all but a sale by the plaintiff for which it now seeks the endorsement of the Court to give the transaction the appearance of a sale by the Court. I would not, therefore, be prepared to grant the order sought

> even if I were satisfied that the 5.9 million price is as high as any price likely to be obtained on a sale by the Court.

Fil-kaz **Den Norsk Bank ASA v Owners of the ship "Margo L"** (1997) il-Qorti qalet hekk:

> In this case, Den Norsk Bank which is a ship finance specialist is asking the Court (as it has done repeatedly on a number of occasions) to depart from the normal mode of sale and to allow its proposed purchaser Hudson to buy the Vessel at US$3.4 million. In support of this application, the Bank relies on three brief Valuation Certificates from three valuers who valued the Vessel at respectively US$2.5 million, US$2.75 million and US$3.2 million. Unfortunately as often happens in this sort of maritime valuation of ships, no detailed analysis was shown in these Valuation Certificates as to the factors and reasons which led to these valuations being given and in the absence of analysis and reasons, there can be no proper weighing of the strength of any of these Valuation Certificates or why one should be preferred over the other or why anyone should be accepted. This most unsatisfactory nature of the valuations of the Vessel is however only one aspect of why the Court cannot allow private sale.

Finalment hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-artikoli tal-ligi dwar il-bejgh privat kif kontemplati mill-ligi qatt ma jistghu jigu interpretati fis-sens ta' protezzjoni biss tad-drittijiet u interess ta' min qed ibiegh izda wkoll ghal protezzjoni u interess tal-persuni interessati f'tali process.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tqis illi t-talba ghal bejgh kif maghmula mis-socjeta rikorrenti taqa' 'l boghod mid-dettami tal-ligi u kwindi qed tichadha, bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------